IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 235/09/COL

## tal-20 ta' Mejju 2009

## Dwar l-Iskema Temporanja ta' Għajnuna għal Ammonti Żgħar

## (in-Norveġja)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA [1]

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Artikolu 1(3) tal-Parti I u l-Artikolu 4(3) tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Sorveljanza u l-Qorti [4],

WARA LI KKUNSIDRAT il-Linji gwida tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE [5] u b'mod partikolari l-Parti VII – Regoli Temporanji dwar il-kriżi finanzjarja – Qafas Temporanju għall-miżuri tal-għajnuna mill-Istat għall-appoġġ tal-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi attwali finanzjarja u ekonomika [6], emendati mid-Deċiżjoni tal-Awtorità 190/09/COL tat-22 ta' April 2009 [7],

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27 tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Sorveljanza u l-Qorti [8],

Billi:

## I. FATTI

### 1. Proċedura

L-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw l-Iskema Temporanja ta' Għajnuna għal Ammonti Żgħar, skont l-Artikolu 1(3) tal-Part I tal-Protokoll 3, bl-ittra tat-2 ta' April 2009 (Każ Nru 514308).

### 2. Deskrizzjoni tal-miżuri proposti

2.1. *L-għan tal-miżura ta' għajnuna*

L-awtoritajiet Norveġiżi indikaw li l-kriżi finanzjarja bdiet taffettwa l-ekonomija reali. Il-miżura notifikata hija parti mill-pakkett iktar wiesa' ta' miżuri [9] maħsuba biex isolvu tfixkil serju fl-ekonomija Norveġiża. L-iskema notifikata tipprovdi għall-possibbiltà li tagħti ammonti żgħar ta' għajnuna lill-kumpaniji li jinsabu f'nuqqas f'daqqa, jew nuqqas ta' disponibbiltà ta' kreditu, b'hekk tikkontribwixxi għas-soluzzjoni tat-tfixkil serju fl-ekonomija Norveġiża.

Din l-iskema hi bbażata b'mod espliċitu fuq l-Artikolu 61(3)(b) ŻEE, u toqgħod fuq is-sezzjoni 4.2 "Ammont limitat ta' għajnuna kompatibbli" tal-Qafas Temporanju.

[1] Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Awtorità.
[2] Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE.
[3] Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.
[4] Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Protokoll 3.
[5] Il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 231 3.9.1994 p. 1 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 32 3.9.1994 p. 1 minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. IL-verżjoni aġġornata tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tinsab fuq il-websjat tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/state-aid/legal-framework/state-aid-guidelines/
[6] Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Qafas Temporanju..
[7] ĠU L 15, 20.1.2011, p. 26, u s-suppliment taż-ŻEE Nru 3, 20.1.2011, p. 31,
[8] ĠU L 139, 25.5.2006, p. 37, u s-suppliment taż-ŻEE Nru 26, 25.5.2006, p. 1, kif emendat mid-Deċiżjoni Nru 319/05/COL tal-14 ta' Diċembru 2005 (ĠU L 113, 27.4.2006, p. 24, u s-suppliment Nru 21, 27.4.2006, p. 46).
[9] Fl-indirizzar tal-problemi emerġenti fis-suq tax-xogħol Norveġiż, il-Gvern Norveġiż emenda l-Baġit Fiskali għall-2009 b'St.prp. nru. 37 (2008-2009) (white paper). Minkejja li l-Iskema Temporanja ta' Għajnuna għal Ammonti Żgħar mhijiex espliċitament parti minn St.prp. nru. 37 (2008-2009), hi se tkun iffinanzjata fi ħdan iż-żieda fil-baġit għall-Innovation Norway mogħtija f'din l-emenda.

2.2. *In-natura u l-forma tal-għajnuna*

L-għajnuna se tkun pprovduta fil-forma ta' forom trasparenti ta' għajnuna, kif definit mir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa [1] Artikolu 5, u b'mod partikolari fil-forma ta' għotjiet diretti, għotjiet rimborsabbli, sussidji tar-rati ta' mgħax u self pubbliku sussidjat b'element ta' għajnuna li hu kkalkulat fuq il-bażi tar-rata ta' referenza tal-Awtorità [2] applikabbli fid-data tal-għotja tal-għajnuna, u garanziji pubbliċi.

L-iskema ta' garanzija amministrata minn Innovation Norway hi normalment użata skont l-Att imsemmi fl-Anness XV mal-Ftehim taż-ŻEE dwar l-għajnuna *de minimis* [3]. Dan jimplika *i.a* li għajnuna individwali mogħtija lill-impriżi li mhumiex impriżi f'diffikultà għandha titqies għajnuna *de minimis* trasparenti meta parti mis-self tal-garanzija pprovduta fi skema bħal din ma taqbiżx EUR 1 500 000 għal kull impriża (EUR 750 000 fis-settur tat-trasport). Sabiex jiġi kkalkulat l-element ta' għajnuna tal-garanziji pubbliċi għas-self li jaqbeż l-EUR 1 500 000 u b'konformità mal-possibbiltà prevista mill-aħħar sentenza tan-nota f'qiegħ il-paġna tal-punt 4.3.2 (a) tal-Qafas Temporanju, l-awtoritajiet Norveġiżi se jużaw bħala punt ta' riferiment il-primjums fil-limitu ta' eżenzjoni stabbiliti fl-Anness tal-Qafas Temporanju. Irrispettivament minn jekk il-garanziji humiex maħruġa għall-benefiċċju tal-SMEs jew kumpaniji kbar, l-element tal-għajnuna annwali li jirriżulta mill-garanzija se jkun ikkalkulat bħala d-differenza bejn ir-rati tal-primjums fil-limiti ta' eżenzjoni stabbiliti fl-Anness tal-Qafas Temporanju emendat u l-primjums annwali applikati mill-awtoritajiet Norveġiżi.

2.3. *Bażi legali nazzjonali għall-miżura tal-għajnuna*

Il-bażi legali għall-iskema hi St.prp.nr. 1 (2008-2009) għall-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija, u ittra mill-Ministeru lil Innovation Norway (*"Oppdragsbrev Innovasjon Norge"*).

L-iskema se tidħol fis-seħħ mal-approvazzjoni tal-Awtorità.

2.4. *L-amministrazzjoni tal-Iskema*

L-iskema notifikata se tkun amministrata minn Innovation Norway.

2.5. *Baġit u tul ta' żmien*

L-awtoritajiet norveġiżi indikaw li f'dan l-istadju mhux possibbli li jipprovdu baġit annwali għall-miżura notifikata peress li l-baġit ġenerali għal Innovation Norway żdied mingħajr identifikazzjoni tal-approprjazzjoni allokata għall-iskema notifikata.

L-għajnuna taħt din l-iskema tista' tingħata sal-31 ta' Diċembru 2010.

2.6. *Id-destinatarju*

L-iskema tapplika għall-SMEs u kumpaniji kbar u tkopri t-territorju kollu tan-Norveġja.

L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li l-ebda għajnuna taħt din l-iskema mhi se tingħata lill-kumpaniji kbar li, fl-1 ta' Lulju 2008, kienu kumpaniji f'diffikultà skont it-tifsira tal-punt 2.1 tal-Linji gwida tal-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità dwar is-Salvataġġ u r-ristutturar ta' kumpaniji f'diffikultà, lanqas lill-SMEs li f'dik id-data kienu kumpaniji f'diffikultà skont it-tifsira tal-Artikolu 1(7) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

l-iskema tista' tapplika għal impriżi li ma kinux f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008, iżda li ltaqgħu mad-diffikultà wara b'riżultat tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika.

2.7. *Ambitu settorjali, esklużjoni tal-għajnuna għall-esportazzjoni u għajnuna li tiffavorixxi prodotti domestiċi minn dawk importati.*

L-Għajnuna Temporanja ta' Għajnuna għal Ammonti Żgħar tapplika għas-setturi kollha, bl-esklużjonijiet settorjali stabbiliti fis-sezzjoni 4.2.2, punt 38 *(g)* tal-Qafas Temporanju. L-għajnuna għall-esportazzjoni u għajnuna li tiffavorixxi oġġetti u servizzi domestiċi milli dawk importati huma esklużi (sezzjoni 4.2.2(d) tal-Qafas Temporanju).

2.8. *Elementi bażiċi tal-Iskema*

L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li l-iskema l-ġdida se tissodisfa l-kundizzjonijiet tas-sezzjoni 4.2.2 tal-Qafas Temporanju għall-għoti ta' ammonti żgħar tal-għanjuna kompatibbli. B'mod partikulari:

— l-għajnuna mhux se taqbeż l-EUR 500 000 grossi (qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew spiża oħra) għal kull impriża. Meta tingħata l-għajnuna f'forma għajr għotja, l-ammont tal-għajnuna għandu jkun l-għotja grossa ekwivalenti għall-għajnuna;

— Qabel ma tingħata l-għajnuna, Innovation Norway trid tikseb dikjarazzjoni mill-impriżi kkonċernati, f'forma miktuba jew elettronika, dwar kull għajnuna *de minimis* oħra u għajnuna skont din il-miżura rċevuta matul is-sena fiskali kurrenti. Innovation Norway se tiċċekkja li l-għajnuna mhux se żżid l-ammont totali tal-għajnuna rċevuta minn impriżi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2010 għal ammont li hu iktar minn EUR 500 000;

[1] Inkorporat fl-Anness XV (Għajnuna mill-Istat) mal-Ftehim taż-ŻEE mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2008 (ĠU L 339, 18.12 2008, p. 111 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 79, 18.12.2008, p. 20).

[2] Ir-rata ta' referenza hi kkalkulata fuq il-bażi tal-Kapitolu dwar il-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' Referenza u ta' Skont tal-Linji gwida tal-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat kif emendati mid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 788/08/COL tas-17 ta' Diċembru 2008. Sabiex tinkiseb r-rata ta' referenza applikabbli jridu jiżdiedu marġini mar-rata ta' bażi. Ir-rati ta' bażi fis-seħħ huma pubblikati fis-sit elettroniku tal-Awtorità.

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat gall-Għajnuna *de minimis* (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5) inkorporat fl-Anness XV (Għajnuna mill-Istat) tal-Ftehim taż-ŻEE mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 29/2007 (ĠU L 209, 9.8.2007, p. 52, u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 38, 9.8.2007, p. 34).

— l-għajnuna tista' tingħata mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010;

— għajnuna għall-esportazzjoni u għajnuna li tiffavorixxi oġġetti u servizzi domestiċi milli dawk importati mhux se tingħata taħt din l-iskema;

— fejn l-għajnuna taħt din il-miżura għandha tiġi magħquda ma' għajnuna oħra kumpatibbli, l-intensitajiet tal-għajnuna massima indikati fil-Linji gwida relevanti jew Regolamenti, se jkunu rispettati;

— L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li l-ebda għajnuna taħt din l-iskema mhi se tingħata lill-kumpaniji kbar li, fl-1 ta' Lulju 2008, kienu kumpaniji f'diffikultà skont it-tifsira tal-punt 2.1 tal-Linji gwida tal-għajnuna mill-Istat tal-Awtorità dwar is-Salvataġġ u r-ristutturar ta' kumpaniji f'diffikultà, lanqas lill-SMEs li f'dik id-data kienu kumpaniji f'diffikultà skont it-tifsira tal-Artikolu 1(7) tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

2.9. *Monitoraġġ u rappurtar*

L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li r-regoli tal-monitoraġġ u r-rappurtar stabbiliti fil-Qafas Temporanju se jkunu sodisfatti.

## II. VALUTAZZJONI

### 1. Il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat

L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jaqra kif ġej:

"1. Għajr kif ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stati Membri tal-KE, minn Stati EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sakemm taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, għandha tkun inkompatibbli mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim."

Ir-riżorsi tal-Istat huma involuti peress li l-iskema notifikata hi ffinanzjata permezz tal-Baġit tal-Istat tan-Norveġja. Il-miżura hi selettiva peress li se tingħata lil ċerti impriżi biss. Billi jsiru disponibbli ammonti limitati ta' għajnuna li mhux ha jkunu disponibbli lill-benefiċjarji mingħajr il-miżura, il-miżura tinvolvi l-għoti ta' vantaġġ lill-benefiċjarji. Il-miżura taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati taż-ŻEE peress li l-iskema mhix limitata għall-benefiċjarji attivi fis-setturi fejn ma jeżisti l-ebda kummerċ intra-ŻEE.

Fid-dawl ta' li ntqal hawn fuq, l-Awtorità waslet għall-konklużjoni li l-iskema tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) taż-ŻEE.

### 2. Rekwiżiti Proċedurali

Skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3, "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġi infurmata, fi żmien suffiċjenti sabiex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha, dwar kwalunkwe pjan ta' għoti jew ta' tibdil fl-għajnuna (…). L-Istat kkonċernat m'għandux idaħħal fis-seħħ il-miżuri proposti tiegħu sakemm il-proċedura rriżultat f'deċiżjoni finali".

Billi ssottomettu n-notifika tal-Iskema Temporanja ta' Għajnuna għal Ammonti Żgħar b'ittra tat-2 ta' April 2009 (Każ Nru 514308), l-awtoritajiet Norveġiżi ssodisfaw ir-rekwiżit tan-notifika. Barra minn hekk, huma indikaw li mhux se jimplimentaw l-iskema sakemm din tkun approvata mill-Awtorità, b'hekk jissodisfaw l-obbligu ta' stennija.

B'hekk l-Awtorità tista' tikkonkludi li l-awtoritajiet Norveġiżi rrispettaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3..

### 3. Kumpatibbiltà tal-għajnuna

L-Awtorità vvalutat l-kumpatibbiltà tal-miżura notifikata mal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE flimkien mal-Qafas Temporanju.

Billi adottat il-Qafas Temporanju, l-Awtorità rrikonoxxiet (sezzjoni 4.1 (33)) li "Fid-dawl tas-serjetà tal-kriżi finanzjarja attwali u l-impatt tagħha fuq l-ekonomija globali tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità tqis li xi kategoriji ta' għajnuna mill-Istat huma ġġustifikati, għal perjodu limitat, biex dawn id-diffikultajiet jiġu solvuti u li dawn jistgħu jiġu ddikjarati kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tiegħu".

L-għan tal-miżura notifikata hu li tikkontribwixxi għal soluzzjoni tat-tfixkil serju fl-ekonomija tal-Istat tal-EFTA u hi maħsuba biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-kategorija addizzjonali tal-għajnuna ("Ammont limitat kumpatibbli tal-għajnuna") deskritti fis-sezzjoni 4.2.2 tal-Qafas Temporanju.

L-Awtorità tikkunsidra li l-miżura notifikata tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-Qafas Temporanju. B'mod partikolari:

— L-ammont massimu tal-għajnuna mhux se jaqbeż l-ekwivalenti fi flus ta' EUR 500 000 għal kull impriża (b'konformità mal-punt 4.2.2 (a) u (f) tal-Qafas Temporanju).

— L-għajnuna tingħata fil-forma ta' skema (b'konformità mal-punt 4.2.2 (b) tal-Qafas Temporanju).

— l-għajnuna tingħata biss lil impriżi li ma kinux f'diffikultà ([1]) fl-1 ta' Lulju 2008; tista' tingħata għal impriżi li ma kinux f'diffikultà f'dik id-data iżda li ltaqgħu mad-diffikultà wara b'riżultat tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika (b'konformità mal-punt 4.2.2 (c) tal-Qafas Temporanju).

— L-għajnuna għall-esportazzjoni u għajnuna li tiffavorixxi oġġetti u servizzi domestiċi fuq dawk importati huma esklużi (b'konformità mal-punt 4.2.2(d) tal-Qafas Temporanju).

— L-għajnuna tista' tingħata sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 (punt 4.2.2(e) tal-Qafas Temporanju).

— Ir-regoli ta' monitoraġġ u rappurtar stabbiliti fil-Qafas Temporanju se jkunu rispettati (sezzjoni 4.7(59) tal-Qafas Temporanju).

Għalhekk l-Awtorità tikkunsidra li l-miżura notifikata hi meħtieġa, xierqa u proporzjonali sabiex issolvi tfixkil serju fl-ekonomija ta' Stat tal-EFTA, kif definit fil-punt 4.1 tal-Qafas Temporanju.

## 4. **Konklużjoni**

Fuq il-bażi tal-valutazzjoni għadejja, l-Awtorità tikkunsidra li l-Iskema Temporanja ta' Għajnuna għal Ammonti Żgħar li l-awtoritajiet Norveġiżi qegħdin jippjanaw biex jimplimentaw hija konformi tal-Qafas Temporanju u hi kumpatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE skont it-tifsira tal-Artikolu 61 taż-ŻEE.

L-awtoritajiet Norveġiżi huma mfakkra dwar l-obbligati li jirriżultaw mill-Artikolu 21 tal-Parti II tal-Protokoll 3 flimkien mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 195/04/COL biex jipprovdu rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-iskema.

L-awtoritajiet Norveġiżi huma mfakkra wkoll li kwalunkwe pjan għal tibdil f'din l-iskema jrid jiġi nnotifikat lill-Awtorità.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet għall-Iskema Temporanja ta' Għajnuna għal Ammonti Żgħar fuq il-bażi tal-Artikolu 61 (3)(b)f tal-Ftehim taż-ŻEE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

*Artikolu 3*

Il-verżjoni Ingliża biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2009.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Per SANDERUD
*President*

Kurt JÄGER
*Membru tal-Kulleġġ*

([1]) Għall-kumpaniji kbar, ara punt 2.1 tal-Linji gwida dwar l-għajnuna għall-istrutturar tal-impriżi f'diffikultà. Għall-SMEs, ara l-Artikolu 1(7) dwar id-definizzjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.